**STQARRIJA MIS-SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦAS-SAĦĦA, L-ONOR. CHRIS FEARNE, DWAR IL-MIŻURI LI QEGĦDIN JITTIEĦDU KONTRA T-TIXRID TAL-VIRUS ZIKA**

Mr Speaker,

Bħalma jien ċert illi jafu l-Membri ta' din il-Kamra, fl-1 ta' dan ix-xahar l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa ddikjarat *Public Health Emergency of International Concern* dwar it-tixrid tal-virus Zika f'diversi partijiet tad-dinja. Id-Dipartiment tas-Saħħa ilu mill-bidu tas-sena jsegwi mill-qrib din is-sitwazzjoni internazzjonali li qiegħda tiżviluppa minn jum għall-ieħor.

Ta' min wieħed jispjega x'inhu dan il-virus u x'inhu r-riskju li dan jinfirex f'pajjiżna.

Il-virus taz-Zika jwassal għall-infezzjoni li tiġi trasmessa primarjament bin-nemus infettat tar-razza Aedes aegypti, iżda wkoll bin-nemus tar-razza Aedes albopictus. Għalkemm in-nemus Aedes aegypti ma jinstabx Malta, l-Aedes albopictus (magħruf bħala l-Asian Tiger) ilu snin li daħal f'pajjiżna. Mill-informazzjoni li għandna llum, din in-nemusa ssir infettata meta tigdem persuna li tkun marida u x'aktarx sintomatika biz-Zika. Ħlief għall-possibilità ta' trasmissjoni b'mod sesswali jew bi trasfużjoni ta' demm ikkontaminat, iz-Zika ma titteħidx minn persuna għall-oħra. F'Malta, safejn hu magħruf, ma għandniex nemus infettat biz-Zika. Sa issa għadu ma jeżistix vaċċin għal kontra dan il-virus.

Id-Dipartiment tas-Saħħa qiegħed iżomm monitoraġġ tas-sitwazzjoni dinjija permezz tal-EWRS (*Early Warning Rapid Alert System*) tal-Unjoni Ewropea u kommunikazzjoni diretta mal-WHO (Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa), l-ECDC (*European Centre for Disease Prevention and Control*) u CDC (*Centres for Disease Control and Prevention* tal-Istati Uniti tal-Amerika), u qiegħed isegwi r-rakkomandazzjonijiet ta' dawn iċ-ċentri.

Skont dawn iċ-ċentri, ir-riskju ta' trasmissjoni tal-infezzjoni taz-Zika huwa baxx fil-pajjiżi Ewropej u tal-Mediterran fix-xhur tax-xitwa, madankollu r-riskju jista' jiżdied hekk kif tibda tiela' t-temperatura.

Il-virus taz-Zika qiegħed jinfirex b'rata mgħaġġla f'diversi pajjiżi, l-aktar fl-Amerika Latina. Il-lista tal-pajjiżi fejn il-virus taz-Zika hija endemika u qed tinfirex qed tinbidel ta' spiss, skont informazzjoni li qiegħda tipprovdi l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa. Illum, il-virus taz-Zika qiegħed jinfirex f'dawn il-pajjiżi: il-Barbados, il-Bolivja, il-Brażil, il-Kolombja, Kosta Rika, Curaçao, ir-Repubblika Domenikana, l-Ekwador, El Salvador, Gujana Franċiża, Gwadelup, Gwatemala,

il-Gujana, Ħaiti, il-Ħonduras, il-Ġamajka, Martinique, il-Messiku, in-Nikaragwa, Panama, Paragwaj, Puerto Riko, Saint Martin, is-Surinam, il-Gżejjer Verġni, il-Venezwela, il-Maldive, it-Tajlandja, is-Samoa Amerikana, is-Samoa, il-Gżejjer Solomon, Tonga, Vanwatu, il-Gabon, Indoneżja, il-Kambodja, Fiġi, il-Filippini, Malasja.

Wieħed minn kull ħames persuni infettati bil-virus taz-Zika qed jispiċċa jimrad. L-aktar sintomi komuni taz-Zika huma: id-deni, raxx, uġigħ fil-ġogi, *conjunctivitis*. Sintomi komuni oħra jinkludu uġigħ fil-muskoli u uġigħ ta' ras. Kumplikazzjonijiet ta' dawn is-sintomi u mwiet huma rari. Madankollu l-assoċjazzjoni bejn il-virus taz-Zika f'nisa tqal li jwassal għall-malformazzjonijiet tat-trabi qiegħda dejjem tiżdied. Hemm ukoll rapporti ta' komplikazzjonijiet newroloġiċi f'każijiet rari.

Sa minn qabel ma l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa ddikjarat il-virus taz-Zika bħala Emerġenza għas-Saħħa Pubblika ta' Tħassib Internazzjonali (*Public Health Emergency of International Concern*), ħriġna stqarrija fejn fost oħrajn elenkajna numru ta' pariri għal dawk il-vjaġġaturi li se jżuru dawn il-pajjiżi.

Twaqqaf ukoll *helpline* għall-pubbliku kif ukoll għat-tobba li joffri parir professjonali fuq il-virus taz-Zika. In-numru tal-*helpline* huwa: 21324086.

Informazzjoni fuq iz-Zika virus intbagħtet ukoll lit-tobba sabiex ikunu mgħarrfa dwar is-sintomi ta' din il-marda u jagħtu pariri professjonali lil pazjenti li jkunu se jsiefru jew ġejjin lura mill-pajjiżi affettwati u biex ikunu aktar alert għal xi każ. Qegħdin jiġu organizzati wkoll *lectures* għall-istaff mediku fl-isptarijiet tagħna.

Informazzjoni lill-pubbliku ġiet ukoll imħabbra fuq it-televixin, radju u gazzetti lokali permezz ta' intervisti ma' speċjalisti fil-mard infettiv u saħħa pubblika. Id-Dipartiment ikkomunika wkoll ma' aġenti tal-ivvjaġġar sabiex titqassam informazzjoni dwar il-virus taz-Zika ma' dawk il-klijenti li jkunu se jsiefru fil-pajjizi affettwati. Fl-aġenziji tal-ivvjaġġar se jitwaħħlu wkoll *posters* bl-informazzjoni fuq dan il-virus, kif ukoll se ssir laqgħa bejn l-aġenziji tal-ivvjaġġar u l-esperti fis-saħħa pubblika.

Fid-29 ta' Jannar, id-Dipartiment tas-Saħħa ordna l-*kits* biex ikun jista' jsir test mediku għal dan il-virus. Fil-fatt din l-ordni saret qabel ma l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa kienet iddikjarat l-Emerġenza Internazzjonali.

Permezz ta' dawn il-*kits* issa qegħdin f'pożizzjoni li nagħmlu testijiet fuq persuni b'sintomi taz-Zika. Fil-fatt fil-11 ta' Frar irriżulta każ pożittiv. Ir-raġel involut kellu l-ewwel sintomi fid-29 ta' Jannar meta kien qiegħed fil-gżejjer tal-Paċifiku fejn il-virus taz-Zika huwa endemiku.

L-ewwel kuntatt li kellhom miegħu l-awtoritajiet tas-saħħa f'pajjiżna, kien fit-3 ta' Frar, hekk kif dakinhar stess irritorna Malta. Meta wasal Malta, dan ir-raġel diġà ma kellux deni. Dakinhar stess itteħidlu kampjuni ta' demm biex ikunu jistgħu jsirulu t-testijiet neċessarji.

F'dan il-każ, id-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika ħa l-prekawzjonijiet kollha neċessarji mill-bidunett sabiex il-persuna jkun iżolat.

Dan ir-raġel illum jinsab tajjeb u m'għadux aktar f'iżolament hekk kif sal-lum għaddew aktar minn ġimagħtejn minn meta ħarġulu s-sintomi tal-virus.

Minn dakinhar saru erba' testijiet oħra fuq persuni li għamlu kuntatt mad-Dipartiment tas-Saħħa permezz tal-*helpline*, li fosthom kien jinkludi tliet persuni li kellhom is-sintomi u li kienu waslu Malta wara btala fit-Tajlandja u persuna oħra li qiegħda tistenna tarbija u li kienet marret fuq btala f'pajjiżi affettwati. Fl-erba' persuni rriżulta li **ma kellhomx** il-virus taz-Zika. Irrid personalment u f'isem il-Gvern, nirringrazzja lill-professjonisti fid-Dipartiment tas-Saħħa għax-xogħol u d-dedikazzjoni tagħhom biex titkompla titħares is-saħħa tal-poplu Malti.

Ir-rakkomandazzjonijiet tad-Dipartiment tas-Saħħa dwar prekawzjonijiet li kull persuna għandha tieħu huma:

- Kull persuna li ser tivvjaġġa f'wieħed mill-pajjiżi affettwati għandha tieħu miżuri sabiex tevita li tingidem minn nemus. Dan jinkludi użu ta' *repellents* apposta kontra n-nemus; li jintlibsu ħwejjeġ bi kmiem u qliezet twal; użu ta' *nets* kontra n-nemus mat-twieqi jew madwar is-sodda.

- Nisa tqal jew li qed jippruvaw jinqabdu tqal għandhom jevitaw li jsiefru fil-pajjiżi affettwati mill-virus taz-Zika minħabba riskju ta' kumplikazzjonijiet fit-tarbija jekk huma jiġu esposti għal dan il-virus. Filwaqt li nisa tqal li rritornaw minn pajjiżi affettwati għandhom jinfurmaw lit-tabib tagħhom sabiex jiġu mħarsa b'mod adegwat.

- Persuni li jbatu b'immunità baxxa jew minn mard kroniku għandhom ifittxu parir mediku qabel ma jsiefru fil-pajjizi affettwati miz-Zika virus.

- Wara li nstabu każijiet barra minn Malta fejn il-virus taz-Zika ġie tranżmess sesswalment, huwa rakkomandat li persuni li se jsiefru fil-pajjiżi affettwati, f'każ ta' relazzjoni sesswali, jużaw protezzjoni biex inaqqsu r-riskju li jiġu infettati.

- Min-naħa l-oħra, persuni li ġejjin lura minn pajjiżi affettwati għandhom jużaw protezzjoni mal-*partner* għal 28 jum wara li jkunu rritornaw (jekk

qatt ma kellu sintomi ta' infezzjoni) u għal sitt xhur sħaħ wara li jkun irkupra minn infezzjoni taz-Zika virus.

- Dawk il-persuni li ġejjin lura minn pajjiż fejn iz-Zika hija endemika, huma avżati biex jekk jiżviluppaw xi sintomi fi żmien ġimagħtejn għandhom ikellmu lit-tabib tagħhom u jċemplu l-*helpline*. Permezz ta' avviż li ser jidher fil-Gazzetta tal-Gvern ta' għada, 16 ta' Frar, ser isir mandatorju li dawk il-persuni sintomatici joqogħdu għat-test kif indikat. Huwa rakkomandat li dawk kollha li jaslu minn xi wieħed minn dawn il-pajjiżi jużaw *insect repellents*, għal ġimagħtejn minn meta jiġu lura biex jevitaw gdim tan-nemus.

Il-ġimgħa li għaddiet twaqqaf ukoll *working group* interministerjali bl-inkarigu illi jagħmel monitoraġġ tas-sitwazzjoni lokali u internazzjonali, jirrakkomanda passi ta' *preparedness* u jillimita kemm jista' jkun ir-riskju ta' tixrid ta' każijiet ta' Zika f'Malta.

Il-kumitat huwa magħmul minn rappreżentanti tad-Dipartiment tas-Saħħa, il-Bord għall-Protezzjoni tal-Ambjent, is-Servizzi Veterinarji, l-Università ta' Malta, id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, il-Pulizija, il-Protezzjoni Ċivili, l-Agrikoltura, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Transport Malta u l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u Affarijiet tal-Konsumatur, kif ukoll rappreżentant tal-Oppożizzjoni. U rrid nirringrazzja lill-Onor. Claudette Buttigieg li attendiet l-ewwel laqgħa u pparteċipat.

L-ewwel laqgħa ta' dan il-kumitat saret il-Ġimgħa, 12 ta' Frar. Punti ta' azzjoni li l-kumitat qiegħed jaħdem fuqhom jinkludu:

1. Tisħiħ ta' informazzjoni lill-aġenti tal-ivvjaġġar għall-persuni li biħsiebhom jivvjaġġaw lejn pajjiżi affettwati. Qed tissaħħaħ ukoll l-informazzjoni lill-pubbliku dwar iz-Zika u miżuri li għandhom jittieħdu bħala prewkazjoni.
2. Informazzjoni għall-professjonisti tas-saħħa. Diġà ntbagħtet informazzjoni lit-tobba tal-familja u dawn se jibqgħu jiġu aġġornati bis-sitwazzjoni.
3. Se jsir studju flimkien mal-Università ta' Malta biex jiġu ssorveljati n-nemus li hawn f'Malta.
4. Ġie rakkomandat li jsir *mapping* ta' Malta u Għawdex kollha sabiex jiġu identifikati postijiet fejn jista' jfaqqas in-nemus Aedes albopictus.
5. *Posters* u *leaflets* informattivi dwar kif tnaqqas in-nemus fid-djar u dwar kif tipproteġi ruħek ser jitqassmu f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku u fil-midja.
6. Ser jittellgħu avviżi fl-ajruport u portijiet oħra b'pariri għall-ivjaġġaturi li jkunu ġejjin minn pajjiżi affettwati. Is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika

qiegħed jieħu passi sabiex iz-Zika tkun marda notifikabbli u allura t-testjar ta' pazjenti b'sintomi ta' Zika jkun jista' jsir mandatorju. Dan ser isir permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern ta' għada.

7. Qegħdin nieħdu pariri mill-Unjoni Ewropea u mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa dwar miżuri li għandhom jittieħdu dwar vapuri li jkunu ġejjin minn pajjiżi affettwati.

Mr Speaker,

Is-sitwazzjoni internazzjonali rigward it-tixrid taz-Zika hija waħda dinamika li qed tinbidel il-ħin kollu. Il-Gvern qiegħed jieħu din is-sitwazzjoni b'serjetà kbira u d-Dipartiment tas-Saħħa se jkompli jsegwi r-rakkomnadazzjonijiet tal-Għaqdiet Internazzjonali tas-Saħħa biex jaġġorna l-azzjonijiet f'pajjiżna, għall-ġid taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.